



Brussell, 11 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

11951/22

LIMITE

CO EUR-PREP 22

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (20 u 21 ta' Ottubru 2022) – Abbozz ta' konklużjonijiet

---

*F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' konklużjonijiet imħejji mill-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Prezidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni.*

## **I. UKRAJNA / RUSSJA**

### **L-eskalazzjoni tal-aggressjoni tar-Russja**

1. Il-Kunsill Ewropew indirizza l-ekalazzjoni tal-l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, li qed tpoġġi l-paċi u s-sigurtà Ewropej u dinjija friskju.

Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-attakki indiskriminati reċenti Russi bil-missili kontra persuni ċivili fi Kiev u fl-Ukrajna kollha.

2. Filwaqt li jfakkar fid-dikjarazzjoni tiegħu tat-30 ta' Settembru 2022, il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna inekwivoka u r-rifjut qawwi tiegħu għall-annessjoni illegali mir-Russja tar-reġjuni Ukreni ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson. Bħal fil-każ tal-Krimea, l-Unjoni Ewropea qatt mhi ser tirrikonoxxi din l-annessjoni illegali.
3. Id-deċiżjonijiet unilaterali tar-Russja jiksru deliberatament il-Karta tan-NU u jinjoraw b'mod sfaċċat l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. Dawn ma jagħtux lir-Russja bażi leġittima għal kwalunkwe azzjoni fit-territorju tal-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew, f'konformità mas-sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tan-NU, jitlob li r-Russja tirtira immedjatament, kompletament u mingħajr kondizzjonijiet it-truppi u t-tagħmir militari kollha tagħha mit-territorju kollu tal-Ukrajna u żżomm lura minn attivitajiet ibridi fit-territorju tal-Ukrajna.
4. Id-delitti tal-gwerra mwettqa kontra l-Ukreni, li tagħhom hemm evidenza dejjem tikber, u l-qerda kontinwa tal-infrastruttura ċivili huma ksur serju tad-dritt internazzjonali. L-Unjoni Ewropea tteni l-impenn sod tagħha li żżomm lir-Russja u lill-awturi kollha responsabbli. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-isforzi tal-Ukrajna biex tiżgura r-responsabbiltà u l-appell tagħha biex jiġi stabbilit Tribunal Speċjali għad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Huwa jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jesploraw għażliet sabiex ikun jista' jiġi żgurat proċess ġust u effettiv kontra l-awturi.

5. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna. F'konformità mal-Karta tan-NU u mad-dritt internazzjonali, l-Ukrajna qed teżerċita d-dritt inerenti tagħha ta' awtodifiża kontra l-aggressjoni Russa. Hija għandha d-dritt li tillibera u terġa' tikseb il-kontroll sħiħ tat-territorji okkupati kollha fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Il-Kunsill Ewropew iqis it-theddid tar-Russja bħala eskalazzjoni ulterjuri tal-konflitt.
6. L-Unjoni Ewropea mhijiex skoraġġuta u ser tibqa' tappoġġa lill-Ukrajna sakemm hemm bżonn. Hija ser tkompli tipprovdi appoġġ politiku, militari u finanzjarju lill-Ukrajna, inkluż għall-ħtiġijiet ta' likwidità tagħha, u żżid ir-rispons umanitarju tagħha, inkluż biex tħejji għax-xitwa. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-adozzjoni rapida tat-EUR 3 biljun li fadal f'assistenza makrofinanzjarja għall-Ukrajna. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tuża l-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku biex tappoġġa lill-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehim dwar l-iskjerament ta' missjoni ta' assistenza militari tal-UE b'appoġġ għall-Ukrajna.
7. L-Unjoni Ewropea hija determinata li tappoġġa r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, flimkien mas-sħab internazzjonali u l-istituzzjonijiet finanzjarji. Qabel il-konferenza ta' Berlin fil-25 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-governanza u l-finanzjament tal-isforzi ta' rikostruzzjoni, inkluż il-kondizzjonalità.
8. L-Unjoni Ewropea saħħet il-miżuri restrittivi tagħha kontra r-Russja. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta kif tista' tkompli tiżdied il-pressjoni kollettiva fuq ir-Russja biex tintemm il-gwerra ta' aggressjoni tagħha.

### **Sigurtà tal-ikel**

9. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja qanqlet kriżi dinjija tal-ikel li wasslet għal tfixkil fil-produzzjoni agrikola, fil-ktajjen tal-provvista u fil-kummerċ li wassal biex il-prezzijiet tal-ikel u tal-fertilizzanti madwar id-dinja jilhqqu livelli mingħajr preċedent. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tiffaċilita l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli Ukreni permezz tal-Korsiji ta' Solidarjetà u l-aċċess, fuq livell dinji, għall-prodotti agrikoli u l-fertilizzanti għall-pajjiżi l-aktar fil-bżonn. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-appell tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għall-estensjoni tal-Inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali tan-NU lil hinn mill-perjodu attwali tagħha li jintemm f'Novembru.

## Infrastruttura kritika

10. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-atti ta' sabotaġġ kontra infrastruttura kritika, bħal dawk kontra l-pipelines Nord Stream. L-Unjoni Ewropea ser twieġeb għal kwalunkwe tfixkil intenzjonat tal-infrastruttura kritika jew azzjonijiet ibridi oħra b'rispons magħqud u determinat. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Presidenza tal-Kunsill iżżid l-isforzi biex tiffaċilita l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri għall-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, u jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-istat ta' tħejjija tagħhom, inkluż permezz tal-implimentazzjoni bikrija tad-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi.

## II. ENERĠIJA

11. Ir-Russja qed tuża l-enerġija bħala arma biex iddghajjed id-determinazzjoni u s-setgħa ekonomika tal-Unjoni Ewropea. L-isforzi biex titnaqqas id-domanda, biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista, u biex jittaffa l-impatt tal-prezzijiet għoljin fuq il-konsumaturi jeħtieġ li jitkomplew u jiġu intensifikati.
12. Fid-dawl tal-kriżi li għaddejja bħalissa, il-Kunsill Ewropew qabel dwar is-sett ta' miżuri li ġejjin:
- it-tħaffif tan-negozjati ma' sħab affidabbli għat-tiftix ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku li jiżguraw is-sigurtà tal-provvista u jwasslu għal prezzijiet tal-importazzjoni aktar baxxi għall-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari permezz tal-Pjattaforma tal-UE għax-Xiri tal-Enerġija, bl-użu sħiħ tal-piż politiku u tas-suq kollettiv tal-Unjoni;
  - il-koordinazzjoni tal-isforzi għat-tħejjija tal-istaġun tal-mili li jmiss;
  - l-iżvilupp ta' punt ta' riferiment ġdid li jirrifletti b'mod aktar preċiż il-kondizzjonijiet fis-suq tal-gass;
  - *pm: l-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' likwidità u volatilità eċċessiva fis-swieq tal-enerġija*
  - *pm: l-intervent temporanju fis-suq*

13. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni taħdem malajr fuq ir-riforma strutturali tas-suq tal-elettriku u jappella għal aktar progress lejn Unjoni tal-Enerġija sħiħa li taqdi l-objettiv doppju tas-sovranità tal-enerġija Ewropea u n-newtralità klimatika.

### **III. KWISTJONIJIET EKONOMIĊI**

14. Il-Kunsill Ewropew indirizza s-sitwazzjoni ekonomika. L-użu tal-enerġija mir-Russja bħala arma qed ikun ta' piż fuq it-tkabbir u qed iwassal għal pressjoni dejjem akbar fuq il-prezzijiet. Aħna determinati li ntaffu l-impatt fuq iċ-ċittadini u n-negozji tagħna.
15. Il-prijorità tagħna hija li niproteġu lil dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetajiet tagħna filwaqt li nippreservaw il-kompetittività dinjija tal-Ewropa u nżommu l-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-integrità tas-Suq Uniku. L-għodod rilevanti kollha fil-livell nazzjonali u tal-UE għandhom jiġu mobilizzati biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomiji tagħna. Aħna kommessi li nikkoordinaw mill-qrib ir-reazzjonijiet ta' politika tagħna filwaqt li nibqgħu lesti biex niżviluppaw soluzzjonijiet komuni fil-livell Ewropew, kif meħtieġ.

### **IV. RELAZZJONIJIET ESTERNI**

16. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta r-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Asja u t-tħejjijiet għas-Summit Kommemorattiv li jmiss bejn l-UE u l-ASEAN fl-14 ta' Diċembru 2022. Is-Summit ser ikun opportunità biex tiġi approfondita aktar is-Sħubija Strateġika tal-UE mal-ASEAN u biex nissottolinjaw ir-rabta komuni tagħna mad-dritt internazzjonali u n-normi u l-istandards maqbula internazzjonalment, kif ukoll biex nenfasizzaw l-importanza tal-interessi komuni li jorbtu liż-żewġ reġjuni tagħna fi sħubija li ilha teżisti. Huwa kellu wkoll diskussjoni strateġika dwar ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea maċ-Ċina.

17. Il-Kunsill Ewropew ħa kont tat-tnejjijiet għall-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima tal-2022 f'Sharm El-Sheikh (COP27) u enfasizza l-urġenza estrema li jissaħħaħ ir-rispons dinji biex tiġi indirizzata l-emerġenza klimatika fid-dawl ta' eventi ta' temp estrem dejjem aktar intensi u frekwenti, inkluż mewġiet ta' sħana, nirien fil-foresti u għargħar, madwar id-dinja. Qabel il-15-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (it-Tieni Parti) f'Montreal, il-Kunsill Ewropew appella wkoll għall-adozzjoni ta' qafas globali tal-bijodiversità għal wara l-2020 ambizzjuż, komprensiv u trasformattiv biex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità.
-